***Worksheet* Ġ6.2.5**
Infittxu informazzjoni dwar il-pajjiżi li ospitaw / se jospitaw avvenimenti sportivi internazzjonali.



**Għall-interess tagħna:**

Huma bosta l-avvenimenti sportivi li jqajmu interess kbir f'ħafna pajjiżi madwar id-dinja kollha. Però żgur li l-iktar żewġ avvenimenti sportivi li huma segwiti (anki f'Malta) huma l-Olimpjadi u t-Tazza tad-Dinja tal-Futbol. Kull waħda minn dawn il-kompetizzjonijiet tiġi organizzata kull erba' snin. Dan ifisser li kull sentejn ikollna jew l-Olimpjadi jew it-Tazza tad-Dinja.

Meta nagħmlu riċerka dwar dawn l-avvenimenti sportivi, mhux biss nieħdu gost, imma nistgħu ukoll nitgħallmu ħafna dwar il-pajjiżi barranin li fihom ikun sar/se jsir il-logħob.

Niftakru li hemm ħafna modi kif nagħmlu riċerka. Nistgħu:

(a) infittxu fuq l-Internet
(b) nistaqsu lil xi dilettant tal-futbol jew sport ieħor
(c) naqraw artikli fuq il-gazzetti jew rivisti.

**A: Fittex u imla l-kumplament ta' din it-tabella.**

| SENA | AVVENIMENT | BELT / PAJJIŻ |
|---|---|---|
| 2012 | Olimpjadi | Londra |
| 2014 | Tazza tad-Dinja | |
| 2016 | | |
| 2018 | | |
| 2020 | | |
| 2022 | | |

**B: Fittex u wieġeb.**

1. Fit-Tazza tad-Dinja tal-Futbol li saret fil-Brażil fl-2014 ħadu sehem 32 tim nazzjonali li ġejjin minn ħames kontinenti differenti. Fittex liema kienu t-timijiet u ikteb kemm –il tim ħa sehem minn kull kontinent.

| Il-kontinent | In-numru ta' timijiet |
|---|---|
| L-Amerika | |
| L-Afrika | |
| L-Asja | |
| L-Awstralja | |
| L-Ewropa | |

2. Il-bandiera Olimpika fiha ħames ċrieki ta' lewn differenti fuq sfond abjad. Fittex u ikteb x'qed jirrappreżentaw:

   (a) il-ħames ċrieki - ______________________________

   ______________________________

   (b) l-ilwien differenti - ______________________________

   ______________________________

**Ċ: Il-Brażil ospita t-Tazza tad-Dinja tal-Futbol fl-2014 u fl-2016 se jospita l-Logħob Olimpiku fil-belt ta' Rio de Janeiro. Imla wieħed minn dawn iż-żewġ profili billi tikteb, tpenġi jew twaħħal stampi.**

*(Dawn il-profili għandhom jiġu addattati skont l-edizzjoni partikolari tal-avveniment sportiv.)*



| | | |
|---|---|---|
| 1 | L-avveniment sportiv | **It-Tazza tad-Dinja tal-Futbol 2014** |
| 2 | Il-pajjiż | |
| 3 | Il-lingwa/i uffiċjali | |
| 4 | Il-belt kapitali | |
| 5 | Il-popolazzjoni | |
| 6 | Il-belt fejn intlagħbet il-logħba inawgurali | |
| 7 | Il-belt fejn intlagħbet il-finali | |
| 8 | Il-bandiera | |
| 9 | Il-*mascot* – x'jirrappreżenta? | |
| 10 | Il-klima | |
| 11 | Il-ħin tal-logħob (Differenzi bejn il-Brażil u Malta) | |

| | | |
|---|---|---|
| 1 | L-avveniment sportiv | **Il-Logħob Olimpiku 2016** |
| 2 | Il-belt fejn se jsir il-logħob | |
| 3 | Il-pajjiż | |
| 4 | Il-lingwa/i uffiċjali | |
| 5 | Il-popolazzjoni tal-belt li fiha se jsir il-logħob | |
| 6 | Simbolu/i tal-belt fejn se jsir il-logħob | |
| 7 | Il-*mascot*/s – x'jirrappreżenta/w? | |
| 8 | Il-klima | |
| 9 | Kemm–il pajjiż se jieħu sehem? | |
| 10 | F'liema xahar se jsir il-logħob? | |